# ID-IX KTIEB

## Il-magħmudija;
## il-mewt ta' Monika;
## lura fl-Afrika

1. Mulej, jien qaddej tiegħek, jien qaddej tiegħek, bin il-qaddejja tiegħek. Int ħallejtli l-irbit tiegħi. Lilek noffri sagrifiċċju ta' radd il-ħajr. Ħa nfaħħrek b'qalbi u bi lsieni, u għadmi kollu ħa jgħidlek: Min hu bħalek, Mulej! Ħa jgħidlek hekk, u int wieġeb u għid lil ruħi: Jiena s-salvazzjoni tiegħek. U jien, x'jien? Xi bniedem jien? Liema ħażen ma għamiltx? Jew, jekk ma għamiltux, liema ħażen ma għidtx? Jew, jekk anqas ma għidtu, liema ħażen ma ridtx? Iżda int, Mulej, twajjeb u ħanin, lemintek niżlet sal-qiegħ tal-mewt tiegħi u nixxfet il-baħar bla tarf tat-taħsir li kelli f'qiegħ qalbi. U dan kollu ġara meta ma bqajtx irrid dak li ridt jien u bdejt irrid dak li trid int. X'kien sar minnha r-rieda ħielsa tiegħi matul dawk is-snin kollha? Minn liema rokna moħbija u mudlama reġgħet tfaċċat fil-waqt stess li jien baxxejt rasi għall-madmad ħelu tiegħek u rfajt fuq spallejja t-toqol ħafif tiegħek, Kristu Ġesù, blata tiegħi u feddej tiegħi? Kemm ġietni ħelwa f'daqqa ċ-ċaħda minn kull ħlewwa ta' bluhat li bżajt ħafna nitlifhom imma fraħt tassew meta nftamt

minnhom? Int, l-aqwa ħlewwa tassew, qtajtni minnhom, begħidthom minni u minflokhom dħalt int, li int oħla minn kull għaxqa, għad li mhux skond id-demm u l-laħam; int, li tilma aktar minn kull dawl, għad li tinsab 'il ġewwa aktar minn kull ma hu ta' ġewwa; int, li int ogħla minn kull ġieh, għad li mhux għal dawk li jgħollu lilhom infushom. Jien issa kelli ruħi ħielsa mill-ħsibijiet ta' ambizzjoni u qligħ li kienu herrewli saħħti, ħielsa mill-ħmieġ li kont nitqalleb fih u mill-ħakk tal-ġerħat niggieża taż-żina. U bdejt nitħaddet miegħek, Mulej Alla tiegħi, li inti d-dawl u l-għana u s-salvazzjoni tiegħi.

2. Kif taf int, jiena ridt li ma nibqax inħalli lil ilsieni jaqdi fis-suq taċ-ċarlatani; imma dan ridt nagħmlu bil-kwiet u bla ħsejjes. Ġibt quddiem għajnejja ż-żgħażagħ li ħsiebhom mhuwiex fuq il-liġi u l-paċi tiegħek, imma fuq ħafna gideb bla sens, u ma ridtx inħallihom jibqgħu jixtru minn fommi l-armi għall-gwerer fil-qrati fil-ġenn tagħhom. Ħabat tajjeb li ma kienx baqa' wisq għall-btajjel ta' żmien il-ħsad[1], u għalhekk qtajtha li nistabar ftit ieħor sa ma mbagħad nieqaf minn dak ix-xogħol darba għal dejjem, u hekk ma nerġax ninxtara wara li inti fdejtni. Il-pjan tagħna kont tafu int, imma ħadd iżjed ma sar jaf bih barra minn ħbiebna; konna ftehemna li ma nuruh lil ħadd ieħor madwarna, għad li int, aħna u telgħin mill-wied tad-dmugħ ngħannu l-għanja tat-telgħat, armajtna bi vleġeġ misnuna u ġamar tal-ġummar kontra l-ilsna qarrieqa li joqogħdu jħaqquha magħna qishom biex jagħtuna parir, u għal taparsi ħbieb jibilgħuna kif wieħed jibla' l-ikel.

Inti nfidt lil qalbna bil-vleġeġ ta' mħabbtek, u konna nġorru kliemek imnaqqax fil-ġewwieni tagħna. Fi ħdan

ħsibijietna kienu miġbura l-eżempji tal-qaddejja tiegħek li minn suwed bħad-dlam għamilthom jiddu bħad-dawl u minn mejtin bdilthom f'ħajjin; l-eżempji tagħhom kienu n-nirien li qerdulna l-ħedla kbira tagħna biex ma jħalluniex naqgħu ma' l-art; huma kebbsu ġewwa fina ħuġġieġa hekk kbira li l-ilsna qarrieqa għalxejn nefħu fuqha, għax bin-nifs tagħhom mhux biss ma tfewhilniex, imma qawwewha iżjed. Iżda minħabba f'ismek, li int qaddist fuq l-art, xi ħadd seta' wkoll ifaħħarna għax-xewqa u l-pjan tagħna, u għalhekk dehrilna li nkunu qisna rridu nuru ruħna jekk, bla ma noqogħdu nistennew il-btajjel li kienu magħna, naqbdu u nitilqu mix-xogħol publiku tagħna li kulħadd kien jaf bih. Li kieku tlaqtu qabel il-btajjel, kull min narani kien jiftaħ fommu u jdum ħafna jgħid li jien ridt nagħmilha tal-kbir. Għalfejn inħalli n-nies jaħsbu u jgħidu li jridu fuq il-fehma tiegħi biex it-tajjeb li nagħmel ikun kaġun ta' tkasbir?

Barra minn dan, matul dak l-istess sajf minħabba x-xogħol tqil ta' l-iskola bdejt inħoss il-pulmuni għajjiena ħafna u nbati biex nieħu n-nifs. L-uġigħ f'sidri wrieni l-ħsara li kelli; leħni ma baqax sħiħ u ma kontx niflaħ nitkellem fit-tul. Għall-ewwel qbadt ninkwieta ruħi għax l-uġigħ kien għoddu ġagħalni nwarrab minn fuqi t-toqol tat-tagħlim, irrid jew ma rridx, jew għallinqas ninqata' minnu għal ftit sa ma nikkura ruħi u nfiq. Iżda billi kienet kibret u twettqet fija r-rieda sħiħa li nkun ħieles minn kollox biex noqgħod naħseb li inti l-Mulej, kif taf int, Alla tiegħi, bdejt saħansitra nifraħ li ġietni skuża tajba li biha stajt inserraħ il-moħħ ta' dawk li dendlu geddumhom miegħi għax minħabba f'uliedhom ma riduni qatt inkun ħieles. Dan il-ferħ imlieli qalbi u bqajt nissaporti sa ma

jgħaddi l-ftit żmien li kien għad fadal għall-btajjel, xi għoxrin jum jekk niftakar tajjeb. Imma ħtieġli nagħfas fuqi nnifsi biex noqgħod b'sabri, għax issa ma kellix iżjed ir-regħba tgħinni bħal qabel biex nerfa' t-toqol tax-xogħol, u dan kien żgur igħaffiġni taħtu li kieku ma stabartx bih. Xi ħadd minn ħuti l-qaddejja tiegħek għandu mnejn igħid li dan kien dnub, għax ladarba ridt b'qalbi kollha nibda naqdi lilek ma kienx imissni nibqa' iżjed fil-kattedra tal-gideb, anqas siegħa oħra biss. Jien ma noqgħod inħaqqaqha ma' ħadd; imma int, Mulej ta' kull ħniena, ma għalaqtx għajnejk għal dan id-dnub ukoll u ħfirthuli bl-ilma qaddis tiegħek bħalma ħfirtli l-ħtijiet l-oħra kollha?

3. Verekundu nkwieta ruħu ħafna minħabba x-xorti tajba li messet lilna. Huwa fehem li r-rabtiet tiegħu kienu iebsa wisq biex iħalluh jissieħeb magħna. Kien għadu ma sarx nisrani, iżda martu kienet nisranija, u kienet hi, iżjed minn kull ħaġa oħra, li xekklitlu saqajh u ma ħallitux jimxi magħna fit-triq li qbadna. Barra minn dan, kif qalilna hu stess, biex isir nisrani ma ried jinqeda b'ebda mod ieħor ħlief dak li ma setax jinqeda bih. Iżda bil-ħlewwa kollha offrielna post fejn noqogħdu sakemm indumu hemm. Fil-qawmien tal-ġusti, Mulej, int għad tagħtih il-ħlas li ħaqqu kif ġa daħħaltu fil-wirt magħhom, għax wara li tlaqna u morna Ruma qabditu marda, sar nisrani fidil u miet. U hekk int ħennejt mhux biss għalih iżda għalina wkoll, għax minħabba l-ħbiberija mill-qalb li biha ġieb ruħu magħna, il-ħsieb li ma nkunux nistgħu ngħodduh mal-merħla tiegħek kien iġib fuqna niket kbir wisq għalina. Niżżuk ħajr, Alla tagħna! Aħna tiegħek: it-tħeġġiġ u l-faraġ tiegħek huma xhieda ta' dan. Inti żżomm kelmtek

f'kull ma twiegħed, u għalhekk għad tħallas lil Verekundu talli silifna d-dar tal-kampanja li kellu f'Cassiciaco[2] fejn qgħadna nistrieħu fik 'il bogħod mill-ħsejjes tad-dinja; int tagħtih li jithenna għal dejjem fil-ħdura tal-ġnien tiegħek. Int ħfirtlu dnubietu fuq din l-art u qegħidtu fuq il-muntanja tiegħek, muntanja kollha baqta, muntanja mimlija bil-ġid.

Jekk Verekundu nkwieta ruħu, Nebridju feraħ flimkien magħna. Dan, qabel ma sar nisrani, hu wkoll kien waqa' fil-ħofra ta' dak l-iżball mill-agħar li bih daħħal f'rasu li l-ġisem ta' Ibnek ma kienx ġisem tassew imma fantasija tal-moħħ. Imma issa kien beda ħiereġ minn dik il-ħofra, u għad li kien għadu ma ħa ebda wieħed mis-sagramenti tal-Knisja tiegħek, kien iżda qiegħed ifittex il-verità b'ħeġġa kbira. Ma kienx għadda żmien wisq mill-konverżjoni u t-twelid ġdid tagħna bil-magħmudija meta hu wkoll sar kattoliku fidil, reġa' lura għand niesu fl-Afrika u qdiek fis-safa kollu u r-rażna; u wara li bis-saħħa tiegħu qrabatu kollha saru nsara, inti sejjaħtlu minn din l-art. Issa qiegħed igħix fi ħdan Abraham. Hi xinhi t-tifsira ta' dan il-ħdan, fih qiegħed igħix Nebridju tiegħi, il-ħabib ħelu tiegħi u ibnek adottiv, Mulej, li int ħlistu mill-jasar. Hemmhekk qiegħed igħix, għax ruħ bħal dik liema post ieħor jixirqilha? Qiegħed igħix f'dak il-post li sikwit kien jistaqsini fuqu u, jaħasra għalija, jien qatt ma għaraft xi nwieġbu. Issa ma jressaqx iżjed widintu lejn fommi, imma jressaq il-fomm spiritwali tiegħu lejn il-għajn tiegħek u jixrob minnha l-għerf kemm jiflaħ, biex jaqta' l-għatx tiegħu u jkun hieni għal dejjem. Ma naħsibx li dak ix-xorb se jeħodlu rasu u jinsieni, għax hu jixrob minnek, Mulej, li tiftakar fina. Hekk mela konna ninsabu: min-naħa waħda konna nfarrġu lil Verekundu li l-konverżjoni

tagħna sewditlu qalbu għad li baqa' ħabib tagħna, u konna nħeġġuh biex jibqa' fidil għall-istat tiegħu, jiġifieri, il-ħajja taż-żwieġ; u min-naħa l-oħra konna nistennew li Nebridju jaqbad miexi warajna. Dan seta' jagħmlu bla telf ta' żmien, u kien għoddu għamlu li ma kienx għax dawk il-ġranet għaddew malajr. Lili dehruli ġranet twal u bla għadd daqskemm stennejt li neħles u nkun fil-kwiet biex b'saħħti kollha nkun nista' ngħanni u ngħid: Ejja, għidt f'qalbi, fittex lil wiċċu; jien wiċċek infittex, Mulej.

4. Imbagħad wasal il-jum li fih ħlist bil-fatti mit-tagħlim tar-rettorika kif ġa kont ħlist minnu bil-ħsieb. U ġara li int warrabtli lsieni minn ħidma li ġa kont warrabtli qalbi minnha. Fraħt u beriktek, u tlaqt lejn id-dar tal-kampanja ma' niesi kollha[3]. Hemm intfajt għall-ħidma letterarja li biha issa kont naqdi lilek; iżda fiha kienet għadha tinħass is-suppervja li kelli fix-xogħol ta' l-iskola, bħallikieku kont għadni nilheġ wara li wqaft minn taqbida. Bħala xhieda ta' dik il-ħidma tiegħi hemm il-kotba li ktibt fuq it-taħdit tiegħi ma' ta' madwari u miegħi nnifsi waħdi quddiemek[4], u l-ittri tiegħi juru xi ktibt lil Nebridju wara li ma baqax magħna. Imma meta nista' nsib żmien biż-żejjed biex infakkar il-ġid kbir kollu li għamilt magħna f'dawk il-jiem, l-iżjed issa li rrid inħaffef biex insemmi ġid ieħor akbar? Kollox għadni niftakar, u jiġini ħelu li nfaħħrek, Mulej, għan-niggieża li biha mmansajtli qalbi, għall-mod kif baxxejtli u niżżiltli l-muntanji u l-għoljiet ta' ħsibijieti, kif iddrittajtli triqati mħarbta u wittejtli l-mogħdijiet imħattba tiegħi; infaħħrek għall-mod kif inti rbaħt ukoll lil Alipju, li f'qalbi kien ħija, u qegħidtu taħt

l-isem tal-Waħdieni tiegħek, il-Mulej u salvatur tagħna Ġesù Kristu. Alipju għall-ewwel ħass li ma kienx jist-ħoqqlu jissemma fil-kitbiet tagħna, għax aktar ried li tixtered il-fwieħa taċ-ċedri skolastiċi li l-Mulej kien ġa kisser, milli dik tal-ħxejjex ekkleżjastiċi li huma d-duwa kontra l-gdim tas-sriep.

Alla tiegħi, kemm għajjattlek jien u naqra s-salmi ta' David, dawk il-għanjiet mimlija bil-fidi, ilħna ħierġa minn qalb twajba li jkeċċu kull nifs ta' tkabbir! Kont għadni kemm qbadt nimxi fit-triq ta' l-imħabba safja tiegħek; kont katekumenu mehdi fil-kampanja flimkien ma' Alipju, katekumenu bħali; kellna maġenbna lil ommi, mara fil-ġisem imżejna b'qawwa ta' raġel fil-fidi, rasha mistrieħa fi xjuħitha, omm kollha mħabba, kollha tjieba nisranija. Kemm sejjaħtlek f'dawk is-salmi, b'liema ħeġġa tkebbist għalik fix-xewqa li nsemmagħhom lid-dinja kollha, kieku stajt, biex il-bnedmin ma jibqgħux jitkabbru bihom infushom! Imma iva, dawk is-salmi jitkantaw fid-dinja kollha, u ħadd ma jinħeba mis-sħana tiegħek. B'kemm imrar u wġigħ f'qalbi kont nagħdab għall-Manikej, waqt li fl-istess ħin kont nitħassarhom talli ma għarfux il-misteri tagħna, id-duwa tagħna, iżda fil-ġenn tagħhom ħaduha kontra r-rimedju li seta' jfejjaqhom! Xtaqthom f'dawk il-ħinijiet ikunu xi mkien fil-qrib bla ma nkun naf fejn, biex iħarsu lejn wiċċi u jisimgħu leħni jien u naqra r-raba' salm f'dak is-skiet ta' madwari, u jifhmu x'ġagħalni nħoss ġewwa fija dak is-salm: Int weġibtni meta sejjaħtlek, Alla tal-ġustizzja tiegħi; ħriġtni fil-wisa' meta kont imdejjaq; ħenn għalija, Mulej, u isma' talbi. Xtaqthom jisimgħuni bla ma nkun naf li qed jisimgħu, biex ma jaħsbux li l-kliem li żidt jien u naqra s-salm kont qed ngħidu għalihom.

Għax tassew, li kieku kont naf li qegħdin jisimgħuni u jarawni, dak il-kliem ma kontx ngħidu, jew għallinqas kont ngħidu mod ieħor; iżda anqas kieku għidtu ma kienu jifhmuh fis-sens li għidtu għalija nnifsi bejni u bejn ruħi quddiemek mill-qiegħ ta' qalbi.

Tkexkixt bil-biża', u f'ħin wieħed fort bit-tama u l-ferħ għat-tjieba tiegħek, Missier. It-tqanqil tiegħi kien jidher f'ħarsti u jinħass f'leħni kull meta l-Ispirtu tajjeb tiegħek kien idur lejna u jgħidilna: Intom, bnedmin, kemm se ddumu twebbsu qalbkom? Għax tħobbu l-frugħa u tfittxu l-gideb? Jien ukoll ħabbejt il-frugħa u fittixt il-gideb. Iżda int, Mulej, kont ġa kabbart il-Qaddis tiegħek billi qajjimtu mill-imwiet u qegħidtu fil-lemin tiegħek biex jibgħat mis-smewwiet lil min kien wiegħed, lid-Difensur, l-Ispirtu tal-verità. Hu kien ġa bagħtu, u jien ma kontx naf. Bagħtu għaliex kien ġa ssebbaħ fil-qawmien tiegħu mill-imwiet u fit-tlugħ tiegħu fis-sema. L-Ispirtu ma kienx mogħti qabel, għax Ġesù kien għadu ma ġiex igglorifikat. Il-profeta jgħolli leħnu u jgħid: Kemm se ddumu twebbsu qalbkom? Ghax tħobbu l-frugħa u tfittxu l-gideb? Kunu afu li l-Mulej kabbar il-Qaddis tiegħu. Huwa jgħid, Kemm se ddumu; igħid, Kunu afu; iżda jien domt ħafna sajjem minn dan kollu, ħabbejt il-frugħa u fittixt il-gideb. Meta mbagħad smajtu ħassejt fija rogħda kbira, għax ftakart li kont wieħed minn dawk li dan il-kliem intqal għalihom. Il-fantażmi li kont inżomm b'verità ma kinux ħlief frugħa u gideb. U dawn it-tifkiriet ta' l-imgħoddi tiegħi qasmuli qalbi u domt ħafna nokrob u ngħajjat agħjat qawwi. Kemm nixtieq li semgħuni dawk li għadhom iħobbu l-frugħa u jfittxu l-gideb! Forsi kienu jitħawdu u jaqilgħu dak il-gideb mill-istonku tagħhom, u int tismagħhom xħin



Jum wieħed Wistin mar għandu Ponticjanu, ufficjal għoli fis-servizz ċivili f'Milan. Id-diskors tiegħu waqa' fuq Anton l-eremita u semmielu żewġt iħbieb li wara li qraw il-ħajja tiegħu ċaħdu d-dinja u taw ruħhom lil Alla.

isejħulek, għax dak li jidħol għalina quddiemek miet tassew fil-ġisem għalina.

Alla tiegħi, kemm kont inħossni mqanqal xħin naqra l-kelmiet: Inkurlaw, imma tidinbux! Jien kont ġa tgħallimt nagħdab għalija nnifsi minħabba l-imgħoddi tiegħi biex ma nibqax nidneb; għadabt għalija nnifsi kif kien jistħoqqli, għax ebda ġens ieħor ta' dlamijiet ma kien jidneb ġewwa fija bħalma jgħidu dawk li ma jinkurlawx għalihom infushom, u b'hekk jiġimgħu għalihom infushom il-korla, għal jum il-korla, meta int għad tirrivela l-ġudizzju rett tiegħek. Ir-riżq tiegħi ma kienx jinsab iżjed barra minni nnifsi, u jien ma bqajtx infittxu bil-għajnejn tal-ġisem fid-dawl ta' din ix-xemx li tidher. Dawk li jridu jsibu l-ferħ tagħhom barra minnhom infushom malajr igħibu; huma jixterdu fuq ħwejjeġ li jidhru għal żmien qasir u, qishom imġewħin, joqogħdu jilagħqu x-xbihat tagħhom. Jaħasra, mhux li kien il-ġuħ jagħmel bihom u jgħidu: Min se jurina r-riżq?! Aħna konna nwieġbu biex jisimgħuna: Ixħet fuqna, Mulej, id-dawl ta' wiċċek. Aħna maħniex id-dawl li jdawwal kull bniedem, imma nieħdu d-dawl tagħna minnek, biex aħna, li darba konna dlam, insiru dawl fik. Jaħasra, mhux li kienu jaraw id-dawl ta' dejjem li jinsab ġewwa fina! Jien, għax doqtu, ħassejtni nitbaqbaq talli ma kellix il-ħila nurihulhom. Mhux li ressqu lejja l-qalb li għandhom f'għajnejhom 'il bogħod minnek biex nismagħhom jistaqsuni: Min se jurina r-riżq?! Hemmhekk, ġewwa fija, fejn kont għadabt għalija nnifsi, fil-kamra tiegħi ta' ġewwa fejn nissilt l-indiema, fejn offrejt b'sagrifiċċju l-bniedem il-qadim tiegħi u b'tama fik bdejt naħseb fuq it-tiġdid tiegħi, hemm ġew int bdejt toħla għalija u nissiltli l-hena f'qalbi. Jien u naqra dawn il-

kelmiet minn barra u ntegħemhom minn ġewwa, kont nitniehed bil-qawwi u ma ridtx nibqa' nixtered fuq il-ġid ta' l-art, naħli żmieni u nħalli ż-żmien jeqred lili, ladarba fis-sempliċità ta' dejjem kelli qamħ u nbid u żejt ieħor.

Qrajt il-vers li jmiss u minn qalbi ħarġet għajta liema bħalha: Oh, fis-sliem! Oh, fih innifsu! Oh, xi kliem huwa dan: Nimtedd u norqod! Min ikun jista' għalina meta jseħħ dak li hi hemm miktub: Inbelgħet il-mewt fir-rebħa! Inti tassew dak li int fik innifsek u ma titbiddel qatt; fik jinsab il-mistrieħ li jnessina t-taħbit kollu tagħna, għax ebda ħaddieħor ma joqgħod ħdejk, u m'hemmx bżonn niksbu l-ħafna ħwejjeġ oħra li mhumiex int. Int waħdek, Mulej, tqegħidni fis-sod bit-tama. Jien kont naqra u nitħeġġeġ, iżda ma stajtx insib x'nagħmel għal dawk il-mejtin torox li fosthom kont jien ukoll, qisni saħta, qisni kelb agħma jgħajjat u jinbaħ kontra l-Iskrittura tiegħek, kitba ħelwa bil-għasel tas-sema u mdawla bid-dawl tiegħek. U kont intertaq qalbi minħabba l-egħdewwa ta' din l-Iskrittura.

Meta se jseħħli nfakkar kull ma ġralna f'dawk il-jiem ta' hedu? Iżda jien ma nsejt xejn, u ma rridx ma nsemmix is-swat aħrax tiegħek u l-ħniena tal-għaġeb li minnufih urejt miegħi meta f'dik il-ħabta qabadni wġigħ kbir fi snieni. L-uġigħ tant żdiedli li ma flaħtx nitkellem iżjed, u għalhekk għaddieli minn moħħi li nsejjaħ lil ta' madwari kollha biex jitolbuk għalija, Alla ta' kull salvazzjoni. Ktibtilhom ix-xewqa tiegħi fuq biċċa karta tax-xema' biex jaqrawha, u malli nżilna għarkobbtejna f'talba ħerqana l-uġigħ għaddieli. X'kien dak l-uġigħ? U kif għaddieli? Nistqarr li beżżagħni, Mulej tiegħi u Alla tiegħi, għax qatt f'ħajti ma kont ħassejt uġigħ bħal dak. Kien sinjal minn

għandek li messli l-qiegħ ta' qalbi, u fraħt bil-fidi tiegħi u faħħart ismek. Imma dik il-fidi ma ħallitnix inserraħ rasi minn dnubieti l-imgħoddija, għax kienu għadhom ma nħafrulix bil-magħmudija tiegħek.

5. Meta għaddew il-btajjel tal-ħarifa għarraft lin-nies ta' Milan biex ifittxu bejjiegħ ieħor tad-diskors għall-istudenti tagħhom, sew għax kont għażilt li naqdi lilek u sew għax ma bqajtx tajjeb għal dak ix-xogħol billi kont inbati biex nieħu n-nifs u kelli sidri juġagħni. Ktibt lill-isqof tiegħek, dak ir-raġel qaddis Ambroġ, fissirtlu l-iżbalji tiegħi ta' l-imgħoddi u x-xewqa li nibtet fija, u tlabtu jgħidli liema ktieb mill-Iskrittura tiegħek kien jaqbilli naqra biex nithejja aħjar u kif kien l-iżjed xieraq għall-grazzja tiegħek. Huwa qalli biex naqra l-profeta Isaija, naħseb li għax dan ħabbar il-Vanġelu u s-sejħa tal-ġnus b'mod iżjed ċar mill-oħrajn. Imma meta bdejt naqra dan il-ktieb ma stajtx nifhmu, u stħajjilt li anqas il-bqija tiegħu ma kont se nifhem; għalhekk tlaqtu, bil-ħsieb li nerġa' naqbdu f'idejja meta nkun drajt iżjed it-taħdit tal-Mulej.

6. Imbagħad wasal iż-żmien li fih kelli ninkiteb għall-magħmudija[5]. Tlaqna mill-kampanja u rġajna lura f'Milan. Alipju ried jieħu t-twelid ġdid flimkien miegħi; hu kien ġa ssaħħaħ fl-umiltà kif jixraq lis-sagramenti tiegħek, u rażżan lil ġismu b'qawwa hekk kbira li saħansitra mexa ħafi fuq l-art kiesħa silġ ta' l-Italja, ħaġa li mhux kulħadd jissogra jagħmilha. Magħna ħadna wkoll liż-żagħżugħ Adeodatu, imnissel minni, mid-dnub tiegħi. Int għamiltu tifel tajjeb; kien se jagħlaq ħmistax-il sena, u kellu dehen aqwa minn ta' ħafna mgħallmin imkissra fil-għerf.

Infaħħrek għad-doni li tajtu, Mulej Alla tiegħi, int li ħlaqt kollox u li għandek setgħa kbira biex tagħti sura oħra mill-kruhat tagħna; minn tiegħi dak it-tifel ma kellu xejn ħlief id-dnub. Kont int u ħadd ħliefek li nebbahtna kif inrabbuh fit-tagħlim tiegħek: għalhekk infaħħrek għad-doni li tajtu. F'wieħed mill-kotba tiegħi, jismu *L-Imgħallem*, niżżilt x'kien igħidli Adeodatu. Inti taf li l-ħsibijiet ta' dak li jitħaddet miegħi f'dak il-ktieb huma kollha tiegħu meta kien għadu ta' sittax. Jien għaraft li hu kellu doni oħra aktar tal-għaġeb, u d-dehen tiegħu kien jiskantani. Min ħliefek kien l-awtur ta' egħġubijiet bħal dawn? Int ma domtx ma sejjaħtlu minn din l-art, u t-tifkira tiegħu sserraħli ħafna rasi, għax issa ma għandi ebda biża' dwar tfulitu jew żgħożitu jew xi żmien ieħor minn ħajtu. Aħna seħibnieh magħna, qisu daqsna fil-għomor għal dik li hi grazzja tiegħek, lest biex jitrabba fit-tagħlim tiegħek. Tgħammidna, u għab minna kull tħassib dwar l-imgħoddi tagħna. Matul dawk il-jiem ma kont nixba' qatt naħseb bi ħlewwa tal-għaġeb fuq il-għoli tal-pjan tiegħek għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Kemm dmugħ xerridt jien u nisma' l-għana ħlejju ta' l-innijiet u l-kantiċi tiegħek jidwi fil-knisja tiegħek u jqanqalni mill-qiegħ ta' qalbi! Dawk l-ilħna kienu jolqtuli widnejja u jsawbuli l-verità f'qalbi u jfawruhieli bi tqanqil ta' tjieba. Id-dmugħ kien iġelben minn għajnejja, u dan kien ta' ġid għalija.

7. Il-knisja ta' Milan ma kinetx ilha wisq li daħħlet din id-drawwa ta' faraġ u tħeġġiġ, jiġifieri, il-kant ta' l-aħwa jgħannu b'ħeġġa kbira f'għaqda ta' ilħna u qlub. Kienet għaddiet sena, jew mhux iżjed, minn meta Ġustina, omm

it-tfajjel imperatur Valentinjanu, qanqlet persekuzzjoni kontra Ambroġ, il-bniedem tiegħek, għax l-Arjani kienu qarrqu biha u waqqgħuha fl-ereżija tagħhom. Il-poplu twajjeb tiegħek kien jishar fil-knisja, imhejji li jmut ma' l-isqof tiegħu, il-qaddej tiegħek. Hemmhekk ommi, qaddejja tiegħek, kienet tgħix fit-talb, waħda minn ta' quddiem fil-ħrara u s-sahriet. Aħna, għad li konna għadna ma ssaħħanniex bin-nar ta' l-Ispirtu tiegħek, ħassejna ruħna mqanqlin minħabba l-istagħġib u l-inkwiet li kien hemm fil-belt. Biex il-poplu ma jsewwidx qalbu bin-niket u d-dwejjaq, daħħlu l-kant ta' l-innijiet u s-salmi skond id-drawwa tal-lvant; u minn dak iż-żmien 'il hawn ħafna mill-merħliet tiegħek, biex ma ngħidx kollha, daħħlu din id-drawwa kullimkien.

Kien f'dik il-ħabta li int irrivelajt lill-isqof tiegħek li semmejna u wrejtu fejn kienu midfuna l-iġsma tal-martri Protasju u Ġervasju[6]. Għal bosta snin int żammejthom bla mittiefsa moħbijin fit-teżor tiegħek, minn fejn f'ħinu u f'waqtu ħriġthom għad-dawl biex trażżan il-qilla ta' mara minn ġidd is-slaten. Wara li nħarġu mill-qabar, ittieħdu fil-bażilka ta' Ambroġ bil-ġieh kollu li jistħoqqilhom. Min kien imħabbat mill-ispirti ħżiena fieq, kif stqarrew ix-xjaten stess; mhux biss, iżda wkoll wieħed raġel magħruf ħafna fil-belt, li kien ilu agħma żmien twil, meta staqsa u sar jaf x'kien dak l-agħjat ta' ferħ fil-poplu, qabeż fuq riġlejh u talab lil min kien imexxih biex jieħdu fil-post. Meta wasal, talabhom iħalluh jidħol biex imiss bil-maktur it-tebut tal-qaddisin tiegħek li l-mewt tagħhom hi għażiża f'għajnejk. Kif messu u ressaq il-maktur ma' għajnejh, minnufih ħa d-dawl. L-aħbar tal-ġrajja xterdet u kulħadd infexx fit-tifħir għoli tiegħek; u r-ruħ ta' dik il-mara għadu

tiegħek, jekk ma feqitx bis-saħħa tal-fidi, għallinqas waqqfet il-qilla tal-persekuzzjoni tagħha. Niżżik ħajr, Alla tiegħi! Mnejn u fejn wassaltli din it-tifkira tiegħi biex infaħħrek għaliha wkoll, jien li kont insejt insemmiha għad li hi ġrajja kbira? U b'danakollu, minkejja l-għaxqa tar-riħa ta' fwiħatek, konna għadna ma bdejniex niġru warajk! Għalhekk żidt il-biki tiegħi waqt il-għana ta' l-innijiet tiegħek, għax jekk darba kont nitniehed lilek, issa saflaħħar stajt nieħu l-ftit tan-nifs li seħħli nsib f'għarix tat-tiben.

8. Int, li lill-bnedmin tagħtihom igħammru f'dar qalb waħda bejniethom, seħibt magħna wkoll lil Evodju, żagħżugħ minn belt twelidna li kien fis-servizz ċivili. Hu dar lejk u tgħammed qabilna, telaq dak ix-xogħol u daħal fis-servizz tiegħek, u ġie joqgħod magħna bil-fehma qaddisa li ngħixu flimkien. Aħna bdejna nfittxu xi mkien fejn stajna naqduk aħjar u qbadna t-triq lura lejn l-Afrika. Meta wasalna f'Ostia Tiberina ommi mietet. Għandi ħafna tifkiriet li se nħallihom għaddejja għax irrid inħaffef biex insemmi bosta ħwejjeġ oħra. Alla tiegħi, ilqa' wkoll it-tifħir u r-radd ta' ħajr tiegħi għat-tifkiriet bla għadd li miniex se nsemmi. Iżda ma rridx inħalli barra kull ma tnissel f'ruħi għal dik il-qaddejja tiegħek li fil-ġisem tagħha nisslitni għad-dawl ta' l-art u minn qalbha wilditni għad-dawl ta' dejjem. Ma nsemmix id-doni tagħha, imma dawk li tajtha int. Ma kinetx hi li għamlet jew rabbiet lilha nfisha. Inti ħlaqtha; missierha u ommha ma kinux jafu x'bint kien se jkollhom fiha. Il-ħatar ta' Kristu tiegħek tellagħha fil-biża' tiegħek, bit-tmexxija tal-Waħdieni tiegħek, f'dar fidila li kienet membru tajjeb fil-ġisem

tal-Knisja tiegħek. Hi kienet tgħid li trabbiet mhux fil-ħsieb ta' ommha daqskemm fil-ħsieb ta' waħda qaddejja xwejħa li refgħet fuq spallejha lil missierha meta kien tarbija kif in-nisa żgħażagħ jerfgħu liċ-ċkejknin. Minħabba f'hekk, u minħabba l-għomor u l-imġiba tagħha mill-aħjar, is-sidien ta' dik id-dar nisranija kienu jweġġhuha ħafna u ħallew f'idejha t-trobbija ta' wliedhom il-bniet. Hi ħadet ħsiebhom bil-għaqal, u kull meta jenħtieġ kienet traż-żanhom b'mod iebes tassew iżda qaddis, kollha dehen u meqjusa fit-tagħlim li tagħtihom. Barra mill-ħinijiet ta' l-ikel li kienu jieħdu bil-qjies flimkien mal-ġenituri tagħhom, ma kinetx tħallihom jixorbu, anqas jekk mejta bil-għatx, biex ma jidrawx ħażin, u bi kliem sod kienet tgħidilhom, "Illum tixorbu l-ilma għax ma jħallukomx tieħdu nbid; iżda meta tiżżewġu u jkollkom il-ħażniet tagħkom u l-kmamar fejn terfgħu, l-ilma jkun idejjaqkom u tingħelbu mid-drawwa tax-xorb". B'dawn l-ordnijiet ta' setgħa kienet iġġagħalhom joqogħdu, ħalli b'hekk trażżnilhom il-kilba tagħhom sa minn ċkunithom u anqas biss jitħajru għal dak li ma jixirqilhomx.

Madankollu, qisu bis-serqa, kif il-qaddejja tiegħek kienet tgħid lili, binha, qisu bis-serqa daħlet fiha d-drawwa ta' l-inbid. F'għajnejn il-ġenituri tagħha kienet tifla bil-għaqal, u għalhekk kienu dejjem jibagħtu lilha biex iġġib l-inbid mill-bittija. Hi kienet terfa' l-għatu biex timla l-bieqja bl-inbid, u qabel ma tferrgħu fil-ġarra kienet tressqu ma' xofftejha u dduqu kemmkemm, għax ma kinetx tista' ġġerragħ iżjed. Dan kienet tagħmlu mhux għax tħobb ix-xorb, iżda għax it-tfal tal-għomor tagħha jħossu ruħhom ftit jew wisq imxebbgħin u jdaħħku 'l kulħadd bil-barumbati li joħorġu bihom; ta' tfal li huma, bosta drabi

jenħtieġ li l-id ta' min hu akbar minnhom tagħfas fuqhom. Mal-ftit li tieħu, ommi kienet ta' kuljum iżżid ftit ieħor. Iżda min imaqdar il-ħwejjeġ iż-żgħar, bil-ftit il-ftit jispiċċa biex jaqa'; u hekk ġralha hi, għax waqgħet fid-drawwa u saret tlegleg tazzi mimlija kważi sa xfarhom bl-inbid. X'kien sar minnha dik ix-xwejħa bil-għaqal? X'sewa t-twiddib qawwi tagħha? Imma x'seta' qatt jiswa kontra marda moħbija meta int waħdek, Mulej, tishar fuqna bid-duwa tiegħek? Meta ma nkunux taħt għajnejn il-ġenituri tagħna u dawk li jieħdu ħsiebna, tkun hemm int, Mulej li ħlaqtna, li ssejħilna, u tinqeda b'min hu fuqna wkoll biex tagħmlilna xi ġid għas-salvazzjoni ta' ruħna. Int x'għamilt għal ommi, Alla tiegħi? Kif ħadt ħsiebha u fejjaqtha? Ma bgħattilhiex ruħ oħra li għajtet magħha u għajritha kemm felħet? Int ħriġt sikkina mill-imħażen moħbija tiegħek u b'daqqa waħda tagħha permezz ta' dik ir-ruħ fejjaqt lil ommi mit-taħsir tagħha. Din il-qaddejja, li kienet dejjem tmur magħha ħdejn il-bittija, kellha xi tgħid maż-żagħżugħa sidtha, kif ġie li jiġri, u meta kienu weħidhom fetħet ħalq daqsiex u bdiet iċċanfarha għan-nuqqas tagħha u tgħajjarha sakranazza. Din il-kelma qarset lil ommi fil-laħam il-ħaj, ħasset xogħfa minn dik id-drawwa u minnufih qaċċtitha minnha. Bħalma l-ħbieb iħassru 'l ħbiebhom bit-tifħir żejjed tagħhom, hekk bosta drabi jiġri li l-bnedmin bit-tilwim tagħhom irattbu l-egħdewwa, u inti tħallashom mhux minħabba l-ġid li tagħmel bihom, iżda minħabba l-fehma tagħhom. Dik il-qaddejja bil-għadab tagħha riedet mhux tikkorreġi lil sidtha ż-żagħżugħa imma tofsodha; u jekk ċanfritha meta kienu weħidhom, dan għamlitu għax ġietha tajjeb li sabet ruħha weħidha magħha fil-post u l-ħin li tlewmu, jew għax riedet teħles minn xi ċamata talli

damet ma wriet b'dan lill-oħrajn. Int, Mulej, li tmexxi kollox fis-sema u fl-art, int li tobrom kif jogħġbok il-qigħan tal-widien u ssuq sewwa l-imwieġ taż-żminijiet fit-taqlib tagħhom, inti nqdejt bil-bluhat ta' ruħ biex tfejjaq ruħ oħra. Din il-ġrajja tgħallimna biex jekk xi ħadd jikkorreġi 'l ħaddieħor, ma jaħsibx li dan ikun għamlu bis-saħħa tiegħu nnifsu.

9. Hekk ommi trabbiet fir-rażan u l-għaqal: inti qegħidtha taħt il-ġenituri tagħha aktar milli huma qegħduha taħtek. Meta kibret u waslet fil-għomor taż-żwieġ, żewġuha lil raġel u qdietu bħal sidha. Hija fittxet li tirbħu għalik u kienet tkellmu bl-eżempji tal-ħajja tajba li żejjintha biha; int ġbidt lejha r-rispett u l-imħabba u l-għoġba ta' żewġha. Hu ġie li waqqa' fil-għajb is-sodda taż-żwieġ, imma hi stabret bih hekk li qatt ma tlewmet miegħu fuq dan: stenniet lilek tħenn għalih biex jemmen fik u jiġġem ruħu. Żewġha kien raġel qalbu tajba għall-aħħar, iżda kien ukoll jisħon malajr; minħabba f'hekk tgħallmet ma tiqaflux meta tarah inkorlat, la bil-kliem u lanqas b'xi egħmil, biex imbagħad, meta jibred u jikkalma wara li jkun għadab forsi bla ma kien ikollu għalfejn, issib ħin f'waqtu biex tfissirlu l-imġiba tagħha. Ħafna nisa oħrajn, li żwieġhom kienu aktar kwieti, ġie li kien ikollhom wiċċhom imbenġel bis-swat li jaqilgħu minn għandhom, u fit-taħdit ma' ħbiebhom kienu jgemgmu fuq l-imġiba ta' l-irġiel tagħhom. Ommi, taparsi biċ-ċajt, kienet tlumhom li t-tort kien ta' lsienhom, iżda mbagħad kienet twissihom bis-serjetà li, minn dak in-nhar li semgħu jinqralhom il-kuntratt taż-żwieġ, kien imisshom żammewh bħala s-siġill tal-qadi tagħhom, u għalhekk kellhom jiftakru fil-kondizzjoni tagħhom għax

ma kienx imisshom jerfgħu rashom mas-sidien tagħhom. Huma kienu jistagħġbu biha, għax għad li kienu jafu kemm kellha tistabar bil-qilla ta' żewġha, qatt iżda ma semgħu jew raw xi sinjali li Patrizju kien isawwat lil martu jew li t-tilwim tagħhom tad-dar qatt ġieb xi firda bejniethom imqar għal jum wieħed biss. Kull meta ta' ħbieb bejniethom kienu jistaqsuha x'kienet ir-raġuni ta' dan, kienet tfissrilhom kif hi kienet iġġib ruħha, bħalma semmejna aktar 'il fuq. Dawk li saru jagħmlu bħalha raddewlha ħajr, waqt li dawk li ma semgħux minnha baqgħu jħossu t-toqol tal-madmad.

Għall-ewwel omm żewġha ma ħamlithiex għax kienet mogħwija għaliha minn xi nisa qaddejja ħżiena. Hi rebħitha għaliha bir-rispett li wrietha u billi dejjem stabret biha bil-ħlewwa kollha, hekk li saflaħħar hi stess gergret ma' binha fuq il-qaddejja u riditu jikkastigahom talli bit-tqassis tagħhom kienu qegħdin iħassru l-paċi fid-dar bejnha u bejn ommi. Binha, biex jisma' minnha, kif ukoll biex iżomm l-ordni u jara lil kulħadd igħix qalb waħda fid-dar, sawwat bil-vireg lill-ħatja kemm għoġob lil dik li gżathom. Din imbagħad hedditħom li l-istess ħlas kellhom jistennew jekk xi waħda minnhom tmur tagħwiha għal mart binha biex tagħmilha tal-ħelwa magħha; iżda ħadd minnhom ma reġa' ssogra, u ż-żewġ nisa għexu flimkien bi ħlewwa ta' mħabba li tibqa' tissemma.

Alla tiegħi u ħniena tiegħi, inti tajtni don kbir ieħor bis-saħħa ta' dik il-qaddejja tajba tiegħek li ħlaqtni fil-ġuf tagħha. Jekk tnejn kien ikollhom xi jgħidu u ma jiftehmux, kienet tfittex li ġġib is-sliem bejniethom kemm tista'; jekk tisma' waħda minnhom tpaċpaċ ħafna diskors iebes kontra l-oħra u toħroġ il-qilla tal-mibegħda tagħha bi kliem ta'



Għal kliem ta' Ponticjanu, Wistin staħa minnu nnifsu u wara li dan telaq infexx f'bikja ta' qsim il-qalb. Ħareġ fil-ġnien, maħkum minn taqbida qalila, meta f'daqqa waħda sema' leħen ta' tifel: "Ħu f'idejk u aqra". Fetaħ l-ittri ta' S. Pawl u qara dik lir-Rumani 13, 14.

ħsara minn wara dahar il-ħabiba l-oħra, kif jiġri meta wieħed jinkwieta ruħu u jitbaqbaq bit-tilwim, ommi ma kienet tgħidilha xejn fuq l-oħra ħlief dak li bih setgħet tħabbibhom mill-ġdid. Imġiba tajba bħal din kont inqisha bħala ħaġa ċkejkna li ma kienx għax il-ħajja bl-imrar tagħha għallmitni kemm ħafna u ħafna bnedmin, ma nafx b'liema marda tal-biża' ta' dnubiet imxerrda ma' kullimkien, mhux biss iwasslu d-diskors ta' l-egħdewwa mgħaddbin lill-egħdewwa tagħhom mgħaddbin għalihom, imma wkoll jaqilgħu minn żniedhom kliem ieħor li l-oħrajn ma jkunu qaluh qatt. Tassew li ħadd ma għandu jgħid kliem ta' deni li bih ikebbes jew ikabbar il-mibegħda tal-bnedmin bejniethom, iżda min għandu qalb ta' bniedem imissu jqisha bħala ħaġa ċkejkna jekk jagħmel dan biss u xejn iżjed, bla ma jfittex ukoll li bi kliem ta' ġid jitfi n-nar tal-mibegħda. U dan hu li kienet tagħmel ommi, skond it-tagħlim ġewwieni tiegħek l-imgħallem tagħha fl-iskola ta' qalbha.

Barra minn dan hija rebħet ukoll lil żewġha għalik fl-aħħar jiem ta' ħajtu fuq l-art, u wara li sar nisrani ma kellhiex iżjed għalfejn titbekka fuq l-imġiba tiegħu kif kien ibikkiha qabel ma ħaddan il-fidi. Saret ukoll il-qaddejja tal-qaddejja tiegħek. Dawk kollha li kienu jafuha faħħruha ħafna, żammewha fuq l-idejn u ħabbewha, għaliex ix-xhieda tal-frott tal-ħajja tajba tagħha kienet iġġagħalhom iħossu lilek ġewwa qalbha. Għexet dejjem fidila ma' żewġha, raddet lill-ġenituri dak li ħaqqhom, mexxiet darha kif imiss, u tat bosta xhieda ta' l-egħmil tajjeb tagħha. Hija rabbiet lil uliedha u ħasset għalihom l-uġigħ tal-ħlas kull darba li tarahom jitbiegħdu minnek. Fl-aħħarnett, Mulej, li b'don tiegħek tħalli l-qaddejja

tiegħek jitkellmu, hija waqfet magħna lkoll li qabel ma mietet konna ġa bdejna ngħixu flimkien wara li ħadna l-grazzja tal-magħmudija tiegħek, u ħadet ħsiebna bħallikieku kienet omm tagħna lkoll u qdietna qisha kienet bintna lkoll.

10. Meta mbagħad waslilha l-jum biex tinfired minn din il-ħajja, jum li kont taf bih int u mhux aħna, ġara dan il-fatt li se nsemmi u li jiena nemmen li kont int li ridtu jiġri, skond il-pjan moħbi tiegħek. Jien u ommi konna weħidna, b'minkbejna mistreħin fuq ħoġor it-tieqa li tagħti għall-ġnien tad-dar fejn konna, hemm, qrib Ostia Tiberina, 'il bogħod mill-ħamba tan-nies; konna qegħdin nistrieħu mit-tbatija ta' vjaġġ twil qabel ma naqsmu bil-baħar. Tkellimna bejnietna t-tnejn bi ħlewwa liema bħalha, insejna l-imgħoddi u frixna ħsibijietna fuq dak li kellu jgħaddi minn għalina. Żammejna quddiemna l-verità, li hi int, u bdejna nistaqsu 'l xulxin xi tkun il-ħajja ta' dejjem tal-qaddisin li għad trid tiġi, dik il-ħajja li għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet u li qatt ma tnisslet f'qalb il-bniedem. Ressaqna fomm qalbna għatxana lejn ix-xmara tas-sema ħierġa mill-għajn tiegħek, il-għajn tal-ħajja li tinsab għandek, biex nissaqqu bl-ilma tagħha kemm nistgħu u nifhmu b'xi mod ħaġa hekk tal-għaġeb.

Id-diskors tagħna waqa' fuq il-hena tas-sensi tal-ġisem, u rajna li dan il-hena, kbir kemm hu kbir u mogħni bl-aqwa dawl ta' l-art, ma jista' qatt jixxiebah mal-ferħ ta' dik il-ħajja, mhux biss, iżda anqas jistħoqqlu jissemma. Il-ħeġġa ta' mħabbitna refgħetna 'l fuq lejn dak li hu fih innifsu, u minn quddiem moħħna għaddew waħda wara l-oħra l-ħwejjeġ kollha maħluqa u sa l-istess sema, minn

fejn ix-xemx u l-qamar u l-kwiekeb isawbu dawlhom fuq l-art. Waqt li qgħadna naħsbu u nitħaddtu u nistagħġbu fuq l-egħmejjel tiegħek aħna tlajna aktar ’il fuq fina nfusna sa ma ġejna quddiem l-erwieħ tagħna; minn hemm bqajna għaddejjin u wasalna f’art il-ġid li ma jintemmx, fejn inti titma’ għal dejjem lil Israel bl-ikel tal-verità. Hemmhekk il-ħajja hi l-għerf li bih sar dak kollu li kien fl-imgħoddi u dak kollu li għad isir ’il quddiem, dak il-għerf li ma jsirx, għax jeżisti llum bħalma kien minn dejjem u jibqa’ għal dejjem; jew aħjar, fil-għerf la hemm l-imgħoddi u lanqas il-ġejjieni, iżda hemm biss illum, għax hu etern, u la l-imgħoddi u lanqas il-ġejjieni ma huma eterni. Aħna u nitħaddtu fuq il-għerf u nixtiquh, b’qabża sħiħa ta’ qalbna wasalna ħdejh u għal waqt wieħed stajna mmissuh. Imbagħad bi tnehida ħallejna marbut miegħu l-ewwel frott tagħna ta’ l-ispirtu u rġajna lura għall-ħsejjes ta’ fommna fejn il-kelma tagħna tinbeda u tintemm. X’hemm bħall-Kelma tiegħek, il-Verb Sidna li jibqa’ fih innifsu bla ma jeqdiem u li jġedded kollox?

Fit-taħdit tagħna għidna dan: Ejjew nisthajlu li l-bniedem jiskotlu l-istorbju tal-ġisem, il-fantasiji ta’ moħħu dwar l-art u l-ilma u l-ajru jħalluh bi kwietu, l-istess ruħu ssikkitlu lilha nfisha u tibqa’ għaddejja bla ma taħseb fiha nfisha, kull ilsien u sinjal u kull ma jsir u jibqa’ għaddej jisktulu għal kollox; dawn, lil min jismagħhom, igħidulu, “Mhux aħna għamilna lilna nfusna, imma ħalaqna dak li jibqa’ għal dejjem”, u wara li jgħidu dan jisktu għax ikunu ressqu widnejhom lejn min għamilhom, biex hu biss jitkellem, mhux permezz tagħhom, iżda b’fommu stess, u aħna nisimgħu kelmtu taslilna mhux bi lsien ta’ bniedem jew leħen ta’ anġlu, mhux bi ħsejjes ta’ ragħad jew b’tifsira

mistura, imma nisimgħu lilu stess, lil dak li aħna nħobbuh permezz ta' dawn il-ħwejjeġ, nisimgħu lilu nnifsu jkellimna mingħajr il-għajnuna ta' dawn l-istess ħwejjeġ, kif smajnieh issa meta rsaqna lejh u b'ħeffa ta' berqa ħsiebna mess il-għerf ta' dejjem li hu fuq kollox. Ejjew nistħajlu, erġajna għidna, li dan kollu li semmejna jibqa' jseħħ, li d-dehriet l-oħra kollha li xejn ma għandhom x'jaqsmu jgħibu u tibqa' din id-dehra waħda biss, biex tisraq u tixrob lil min iħares lejha u ddaħħlu fil-hena ġewwieni, hekk li l-ħajja ta' dejjem tkun qisha dak il-waqt li fih għarafna xinhi u ġagħlitna nitniehdu. Dan kollu li għidna ma kienx ikun it-tifsira tal-kelmiet: Idħol fil-hena ta' sidek? Imma dan meta se jseħħ? Forsi mhux meta lkoll inqumu mill-imwiet iżda mhux ilkoll nitbiddlu?[7]

Jiena għidt dan kollu, għad li mhux bl-istess mod u bl-istess kliem. Inti taf, Mulej, li dak in-nhar li tħadditna fuq dawn il-ħwejjeġ id-dinja b'kull għaxqa tagħha saritilna ħaġa ta' bla siwi. Imbagħad ommi qaltli, "Ibni, min-naħa tiegħi xejn iżjed ma jferraħni f'din il-ħajja. Ma nafx x'jien nagħmel hawn u għaliex għadni hawn. Issa seħħet it-tama tiegħi fuq din l-art. Kelli ħaġa waħda biss li minħabba fiha xtaqt nibqa' ftit ieħor f'din il-ħajja, jiġifieri, li nara lilek nisrani kattoliku qabel ma mmut. Alla tiegħi tani iżjed milli tlabtu, għax issa qiegħda wkoll narak tmaqdar il-hena ta' l-art biex taqdi lilu. X'jien nagħmel hawnhekk?".

11. Ma niftakarx sewwa x'weġibtha. Ħamest ijiem wara, jew mhux wisq iżjed, inxteħtet bid-deni. Jum wieħed fil-marda tagħha ntelqet u għal ftit intilfet minn sensiha. Minnufih morna ħdejha u wara ftit reġgħet bdiet tagħrafna.

Jien u ħija konna maġenbha. Dawret għajnejha lejna bħal min ikun ifittex xi ħaġa u staqsietna, "Jien fejn kont?". Hija rat li konna qalbna maqsuma, u żiedet tgħidilna, "Lil ommkom idfnuha hawn". Jien bdejt inrażżan il-biki u bqajt sieket, iżda ħija qalilha xi ħaġa u xtaqilha xorti aħjar, jiġifieri, li tagħlaq għajnejha f'art twelidha u mhux f'pajjiż għarib. Kif semgħetu l-bixra ta' wiċċha tħawdet u xeħtet fuqu ħarsa iebsa talli ġieh f'moħħu dan il-ħsieb. Imbagħad daret lejja u qaltli, "Ara xinhu jgħid!". U minnufih issoktat tgħid lilna t-tnejn, "Idfnu dan il-ġisem fejn tridu u tħabblux raskom; ħaġa waħda biss nitlobkom, li tiftakru fija quddiem l-altar tal-Mulej, tkunu fejn tkunu". Fissritilna kif setgħet x'riedet tgħid b'dan, imbagħad siktet, għax qalbet għall-agħar u kienet qiegħda tbati ħafna.

O Alla li ma tidherx, jien ġibt f'moħħi d-doni li ssawwab fi qlub il-fidili tiegħek biex jagħmlu bihom frott tal-għaġeb; fraħt u raddejtlek ħajr, għax ftakart f'ħaġa li diġà kont nafha, jiġifieri, b'liema ħerqa xtaqet dejjem li tindifen ħdejn il-ġisem ta' żewġha fil-qabar li kisbet u hejjiet apposta. Riedet tithenna b'dan ukoll, l-istess kif thenniet bil-għaqda sħiħa ta' qlubhom f'ħajjithom. Kemm hi fqajra l-ħila tal-bniedem biex jifhem il-ħsibijiet ta' Alla! Hi riedet li l-bnedmin jiftakru fiha kif wara vjaġġ bil-baħar qalgħet il-grazzja li trab wieħed igħatti t-trab tagħhom it-tnejn. Iżda wara li int fawwartha bil-ġid tiegħek hija naddfet qalbha minn din il-frugħa, meta ma nafx; imma bqajt mistagħġeb u fraħt meta sirt naf b'dan, għad li fit-taħdita tagħna ħdejn it-tieqa, bil-kelmiet tagħha "X'jiena nagħmel hawn?", kienet qisha ġa wrietni li ma tixtieqx tmut f'art twelidha. Wara sirt naf li jum wieħed, meta konna f'Ostia,

hija fetħet qalbha bħal omm ma' xi ħbieb tiegħi waqt li jien ma kontx hemm, u kellmithom fuq t-tmaqdir ta' din il-ħajja u l-ġid tal-mewt. Huma stagħġbu b'kemm qawwa int żejjint lil dik il-mara, u staqsewha jekk tibżax tħalli ġisimha 'l bogħod minn belt twelidha. U hi wieġbet u qalet, "Imkien ma hu mbiegħed minn Alla, u ma għandix għax nibża' li fl-aħħar tad-dinja mhux se jkun jaf minn fejn jerġa' jqajjimni". Wara marda ta' disat ijiem, meta kellha sitta u ħamsin sena u jiena tlieta u tletin, dik ir-ruħ reliġjuża u tajba nfirdet mill-ġisem.

12. Jien għalaqtilha għajnejha, u fin-niket bla tarf li mlieli qalbi kont se ninfaqa' bil-biki. Iżda ruħi ordnat bis-sħiħ lil għajnejja u ġagħlithom jixorbu l-għajn tad-dmugħ u jnixxfuhieli. Kienet taqbida li ġagħlitni nbati ħafna. Kif ommi ħarġet l-aħħar nifs, iż-żagħżugħ Adeodatu nfexx jibki, imma żamm għax kulħadd siktu. Hekk ukoll ġara lili: leħen qawwi, il-leħen ta' qalbi, rażżan u sikket dik ix-xi ħaġa ta' tifel li ħassejt ġo fija u li kienet se tifqagħni bil-biki. Aħna dehrilna li ommi ma jixirqilhiex nagħmlulha l-funeral bid-dmugħ u t-tnehid. Ħafna drabi l-bnedmin jitnikktu għax jaħsbu li l-mewt hija ħsara u bħal qerda sħiħa. Iżda għal ommi ma kienet ta' ebda ħsara, għax hi ma mititx għal kollox, u dan emminnieh bis-saħħa tax-xhieda ta' ħajjitha flimkien mal-fidi sinċiera tagħna u raġunijiet qawwija oħra.

Il-għala mela dak l-uġigħ ta' qalb kollu li ħassejt? Dan ġrali minħabba l-ġerħa li kienet għadha kemm infetħitli meta bla ħsieb ta' xejn infridt mill-ħlewwa u l-għożża kbira ta' ħajja li drajna ngħixu flimkien. Kont nitfarraġ bix-xhieda li tatni fl-aħħar marda tagħha, meta jien u

naqdiha kienet iżżiegħel bija u ssejjaħli tifel tajjeb; f'telfa ta' mħabba liema bħala kienet qaltli li qatt ma semgħetni ngħidilha kelma iebsa jew nieqsa mir-rispett. U madankollu, Alla tiegħi li ħlaqtna, liema xebh jista' jkun hemm bejn ir-rispett li jien urejt lilha u l-qadi li bih qdiet lili? Għalhekk kienet it-telfa tal-għajnuna kbira tagħha li lili qasmitli qalbi u bħal farrkitli l-ħajja tiegħi li kienet saret ħajja waħda ma' tagħha.

Wara li sikkitna liż-żagħżugħ u ma bkiex iżjed, Evodju fetaħ is-salterju u beda jkanta salm li għalih id-dar kollha wieġbet: It-tjieba u l-ġustizzja tiegħek ngħannilek, Mulej. Ħafna aħwa u nisa tar-ruħ, meta semgħu x'konna qegħdin nagħmlu, ġew jingħaqdu magħna, waqt li dawk li ħadu ħsieb il-funeral kienu jaqdu dmirhom kif jagħmlu s-soltu. Jien twarrabt u mort ħdejn xi ħbieb li dehrilhom li aħjar ma jħallunix waħdi; hemmhekk kien post xieraq u stajt noqgħod nitħaddet magħhom fuq ħwejjeġ jaqblu maċ-ċirkustanzi. Dan kien għalija duwa tal-verità li taffietli l-uġigħ ta' qalb li kelli, kif taf int, Mulej, għax huma ma ntebhu b'xejn; qagħdu b'widnejhom miftuħa sewwa għal dak li kont ngħidilhom u ħasbu li ma kont qiegħed inħoss xejn. Imma f'widnejk, fejn ħadd ma seta' jismagħni, jiena ħadtha miegħi nnifsi talli ħallejt qalbi tirtabli, u rażżant il-mewġ tan-niket tiegħi hekk li għal ftit heda, biex imbagħad reġa' tqawwa, u għad li la dmugħ ma ħariġli u lanqas wiċċi ma tbiddel, imma jien naf x'uġigħ kelli f'qalbi. Hi ħaġa minn awl id-dinja li l-bniedem, jekk isib ruħu fl-istat li kont fih jien, ikollu jsewwed qalbu jrid jew ma jridx; imma jiena ddejjaqt li dan ġara lili, u għalhekk żidt tbatija oħra ma' dik li ġa kelli u l-għafsa tan-niket ħassejtha bi tnejn.

Meta ħadna l-ġisem għad-difna jien ma bkejtx, la aħna u sejrin bih u lanqas meta rġajna lura. Lanqas matul it-talb li għamilnielek fis-sagrifiċċju tal-fidwa tagħna li offrejnielek għaliha wara li l-katavru tagħha tqiegħed maġenb il-qabar fejn konna se nidfnuha, lanqas matul dak it-talb ma bkejt, iżda bqajt il-jum kollu mgħobbi bin-niket bla ma nuri, u tlabtek kif stajt biex tfejjaqli 'l qalbi maqsuma. Int ma lqajtx it-talba tiegħi, naħseb li għax imqar b'dan biss ridt tagħtini tagħlima u tfakkarni kemm id-drawwa għandha s-saħħa li torbot saħansitra r-ruħ li tkun ġa qiegħda titgħajjex bil-kelma li ma tqarraqx. Għamilt ukoll il-ħsieb li mmur nieħu bajnu, għax smajthom jgħidu li l-banjijiet jissejħu hekk mill-kelma Griega *balanion*, għax jeħilsu 'l dak li jkun mid-dwejjaq tiegħu. Imma ara, nistqarr dan ukoll lill-ħniena tiegħek, Missier l-iltiema: mort ħadt banju, u rġajt lura l-istess kif kont qabel ma mort, għax l-imrar tan-niket ma ħariġx minn qalbi flimkien mal-għaraq. Imbagħad mort norqod, u meta qomt sibt li n-niket tiegħi ttaffa mhux ftit. Xħin kont waħdi fis-sodda, ftakart fil-versi ta' Ambroġ tiegħek u fhimt kemm qal sewwa meta qal li inti:

Alla l-ħallieq ta' kollox,
li tmexxi s-sema, u tlibbes
il-jum bid-dawl u dija,
u l-lejl bin-ngħas li jserraħ,

biex hekk fl-irqad il-ġisem
jithejja sew għall-ħidma,
u r-ruħ għajjiena tikseb
mistrieħ fit-taħbit tagħha.



Ftit ġimgħat wara l-konverżjoni, Wistin fil-lejl ta' Sibt il-Għid tas-sena 387 ġie mgħammed mill-isqof Ambroġ.

Bil-ftit il-ftit reġgħu ġew f'moħħi l-ħsibijiet tiegħi ta' l-imgħoddi dwar il-qaddejja tiegħek u l-ħajja tajba li għexet għalik, ħajja qaddisa li fiha ħadet ħsiebna bil-ħlewwa kollha u li minnha nfridt ħesrem. Xtaqt nibki quddiemek għaliha għax marret, nibki lili nnifsi għax tliftha. Id-dmugħ li żammejt ħallejtu issa jinżel kemm irid, u frixtu biex qalbi timtedd fuqu; u hija strieħet, għax il-biki tiegħi wasal f'widnejk u ma semgħu ebda bniedem li kellu mnejn ifissru ħażin. U issa, Mulej, qiegħed nistqarr dan kollu quddiemek f'din il-kitba tiegħi. Ħa jaqraha min irid u jfissirha kif irid. Ommi, li issa hi mejta għal għajnejja, għaddiet bosta snin tibkini biex jiena ngħix kif jogħġob li għajnejk. Jekk min jaqra dan isib li jiena dnibt għax domt wisq inqas minn siegħa waħda nibki lilha, ma għandux jidħak bija, għax jekk imħabbtu hi kbira, aktar imissu jiġi jibki d-dnubiet tiegħi quddiemek, il-Missier ta' l-aħwa kollha ta' Kristu tiegħek.

13. Dik il-ġerħa li kelli f'qalbi setgħet tixhed tassew kemm kont ħati ta' ġibdiet ħżiena. Imma issa li fieqet, Alla tagħna, irrid li għal dik il-qaddejja tiegħek inxerred quddiemek dmugħ ieħor li ma għandu x'jaqsam xejn ma' dak ta' qabel. Huwa dmugħ li joħroġ mir-ruħ li titriegħed xħin taħseb minn kemm perikli jgħaddi kull min imut f'Adam. Tassew li hi, wara li kisbet il-ħajja fi Kristu, bil-fidi u l-imġiba tajba tagħha għexet ħajja ta' tifħir għal ismek anki qabel ma nfirdet mill-ġisem; iżda ma nasalx biex ngħid li, minn xħin tajtha twelid ġdid bil-magħmudija, ma ħarġet minn fommha ebda kelma ta' nuqqas mill-kmandamenti tiegħek. Ibnek, li hu l-verità, qalilna: Jekk xi ħadd lil ħuh igħidlu, "Iblah", ikun ħaqqu n-nar ta' l-

infern. Mela mqar il-bniedem li jkun għex ħajja jistħoqqilha t-tifħir, ħażin għalih jekk inti twarrab il-ħniena tiegħek minnu meta tiġi biex tiżnu! Imma int mintix aħrax magħna meta tiflilna dnubietna, u għalhekk nittamaw b'qalbna kollha li għad niksbu post ħdejk. Għax jekk wieħed joqgħod igħodd quddiemek dawk li huma tassew merti tiegħu, xi jkun igħodd jekk mhux id-doni tiegħek? Kemm jenħtieġ li l-bnedmin iqisu lilhom infushom ta' bnedmin li huma, u li min jiftaħar, jiftaħar fil-Mulej!

Għalhekk, għana tiegħi u ħajja tiegħi, Alla ta' qalbi, għal waqt wieħed irrid ninsa l-egħmil tajjeb tagħha, li għalih inroddlok ħajr bil-ferħ, biex issa nitolbok għad-dnubiet ta' ommi. Ismagħni f'ġieh it-tabib tal-ġrieħi tagħna, li ddendel mal-għuda tas-salib u issa jinsab fuq il-lemin tiegħek biex jidħol għalina quddiemek. Naf x'qalb ħanina kellha f'kull ma kienet tagħmel, u hi ħafret minn qalbha d-djun ta' min kien midjun lejha. Aħfrilha int ukoll id-dejn li setgħet tgħabbiet bih matul il-ħafna snin li għexet wara li nħaslet bl-ilma tas-salvazzjoni. Aħfrilha, Mulej, aħfrilha, nitolbok, u tressaqhiex għall-ħaqq. Ħa tirbaħ il-ħniena fuq il-ħaqq, għax int, li kliemek hu s-sewwa, wegħidt il-ħniena lil dawk li jħennu. Il-ħniena tagħhom hi don tiegħek, int li tħenn għal min tħenn u titħassar lil min titħassar.

Jiena nemmen li inti ġa għamilt dak li qiegħed nitolbok, iżda ilqa', Mulej, il-qima ta' fommi. Meta żmien it-tluq tagħha kien wasal, hi xejn ma ħasbet biex ġisimha jitkeffen bi lbies għani jew jindilek bil-fwejjaħ, ma xtaqitx qabar magħżul jew li tindifen f'art twelidha; ma riedet minna xejn minn dan, imma xtaqet biss li nibqgħu niftakru fiha quddiem l-altar tiegħek li hi qatt ma ħalliet jum wieħed

igħaddi bla ma qdietu. Kienet taf li mill-altar nitqarbnu bil-Vittma qaddisa li biha tħassar il-kont tad-dejn tagħna u ntrebaħ il-għadu li jgħoddilna dnubietna u jfittex x'jaqla' kontra tagħna, imma ma jista' jagħmel xejn kontra dak li fih niksbu r-rebħa. Lil dan min se jerġa' jagħtih lura demmu bla ħtija? Min se jroddlu lura l-prezz li bih fdiena biex iwarrabna minnu? Il-qaddejja tiegħek rabtet ruħha bir-rabta tal-fidi mal-misteru tal-fidwa tagħna. Ma jaħtafha ħadd mill-kenn tiegħek. Ma jiddeffes xejn bejnek u bejnha l-iljun u d-dragun bl-isforzi u t-tnassis tiegħu. Hi ma tweġibx li ma għandhiex djun, biex il-għadu ħajjen ma jsibhiex ħatja u jeħodha taħt idejh; imma twieġeb li d-djun tagħha nħafrulha minn dak li ħadd ma jista' jroddlu l-prezz li ħallas għalina bla ma kien midjun.

Mela ħa tistrieħ fis-sliem, flimkien mar-raġel li ma kellhiex ħliefu, la qabel ma żżewġitu u lanqas wara. Hija qdietu billi offrietlek il-frott tas-sabar tagħha ħalli tirbaħ lilu wkoll għalik. Mulej tiegħi u Alla tiegħi, nebbaħ lill-qaddejja tiegħek, lil ħuti, lil uliedek, lis-sidien tiegħi li jien naqdi minn qalbi bil-kliem u l-kitba tiegħi, nebbaħhom biex dawk fosthom li jaqraw dak li ktibt, meta jkunu quddiem l-altar tiegħek jiftakru f'Monika, il-qaddejja tiegħek, u f'Patrizju, li kien żewġha, li per-mezz tagħhom bħala bnedmin ma nafx kif daħħalt lili f'din il-ħajja. Ħa jiftakru bl-imħabba u t-tjieba fiż-żewġt erwieħ li f'dan id-dawl li jgħaddi kienu l-ġenituri tiegħi, ħuti fik, Missier, f'ommna l-Knisja kattolika, ċittadini bħali ta' Ġerusalem ta' dejjem, il-belt li lilha jitniehed il-poplu tiegħek fil-pellegrinaġġ li qiegħed jagħmel minn xħin ħareġ minnha sa ma jerġa' jidħol fiha. U hekk, bit-talb ta' ħafna, l-aħħar ħaġa li ommi xtaqet

minni sseħħ wisq aħjar b'dawn l-istqarrijiet tiegħi milli bit-talb tiegħi.

[1]Dawn il-btajjel kienu jaħbtu fil-ħarifa.

[2]Illum Cassago fil-Brianza ħdejn Como fl-Italja ta' fuq.

[3]Flimkien ma' S. Wistin marru ommu, ħuh Naviġju, id-dixxipli tiegħu Triġeżju u Liċenzju, il-kuġini tiegħu Lastidjanu u Rustiku, ibnu Adeodatu, u Alipju.

[4]Kien f'dak iż-żmien li S. Wistin kiteb it-tliet kotba tiegħu *Kontra l-Akkademiċi*, *Il-Ħajja hienja*, u *L-Ordni*, kif ukoll is-*Solilokwiji*.

[5]Dan ġara fis-sena 387; S. Wistin inkiteb għall-magħmudija fil-bidu tar-Randan u tgħammed fil-vġili tal-Għid il-Kbir. Dwar il-magħmudija fl-ewwel tliet mitt sena tal-Knisja ara Ġ. Lupi, *Liturġija*, Vol. III, l-ewwel parti, ediz. Kummissjoni Liturġika 1988, pp. 11–15.

[6]Żewġ qaddisin martri li dwarhom ma nafu xejn ħlief li kienu minn Milan u li l-iġsma tagħhom instabu minn S. Ambroġ fis-sena 386.

[7]Hawnhekk S. Wistin jiċċita l-ewwel ittra ta' S. Pawl lill-Korintin, kap 15, vers 51, skond it-traduzzjoni Latina li kellu f'idejh; din toħloq kontradizzjoni bejn il-vers 51 u l-vers 52 (ara *The Jerome Biblical Commentary*, ediz. 1974, vol. 2, p. 274); it-test Grieg maqlub għall-Malti mill-Għaqda Biblika jgħid li aħna mhux ilkoll norqdu r-raqda tal-mewt, iżda lkoll nitbiddlu.